Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 104/2020: J. CONSTRUCTION LTD (C86325) V. BRICK CONCEPTS LIMITED (C81950)

(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GHAS-SUBIZZJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**9 ta' Novembru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' J. Construction Ltd ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2020,

wara li rat l-Ordni ta' din il-Qorti tas-17 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha *inter alia* l-Qorti tat lil Brick Concepts Limited ("l-intimata" jew "il-kumpanija intimata") għoxrin (20) ġurnata ċans min-notifika sabiex tippreżenta risposta,

wara li rat li l-intimata ġie notifikata bir-rikors u bl-atti relattivi fit-12 ta' Awwissu 2020[1],

wara li rat illi l-intimata baqgħet ma' daħlitx risposta u naqset milli tidher għas-seduti sussegwenti,

wara li rat l-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimata ippreżentat mir-rikorrenti fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2020,

wara li rat illi l-intimata għal darb' oħra naqset milli tidher fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2020,

wara li rat id-dokumenti kollha esebiti fil-kawża,

qed tagħti din is-

---

[1] Fol 10 wara

## Sentenza

1. Il-kumpanija rikorrenti qed titlob mingħand il-kumpanija intimata l-ħlas tas-somma ta' ħamest elef, sitt mija tlieta u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€5,643.60) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' fornitura ta' konkrit u *mixers* mibjugħa u kkonsenjati lilha fuq ordnijiet tagħha stess u Ii baqgħet ma tħallsitx, oltre l-imgħaxijiet legali ta' tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma kapitali kalkolati mid-dati tal-fatturi relattivi (Dok A) u l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra bonarja (kopja esebita bħala Dok B) u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju li ġie ppreżentat kontestwalment mar-rikors, kontra l-istess intimata li ġiet inġunta ukoll in subizzjoni.

2. L-intimata ġie notifikata bir-rikors u bl-atti relattivi fit-12 ta’ Awwissu 2020[2].

3. L-intimata baqgħet ma’ daħħlet l-ebda risposta fit-terminu prefiss lilha mill-Qorti permezz tal-Ordni tagħha tas-17 ta’ Lulju 2020.

4. Fis-seduta tat-2 ta’ Novembru 2020 l-intimata ma’ dehritx u għalhekk ir-rikorrenti ippreżentat kapitolu għas-subizzjoni tagħha liema kapitolu ġie approvat mill-Qorti. Fil-kapitolu, ir-rikorrenti talbet lill-intimata ‘*tipprova bil-ġurament li hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*’. Il-kawża imbagħad tħalliet għas-subizzjoni tal-intimata għad-9 ta’ Novembru 2020.

5. L-intimata għal darb’ oħra naqset milli tidher fis-seduta tad-9 ta’ Novembru 2020 u dan sabiex twieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

*Il-liġi u l-każistika kif applikabbli għal din il-kawża*

6. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta li jitratta t-“*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*” jipprovdi testwalment kif ġej:

   ‘Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215.’

7. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta imbagħad jipprovdi b’riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

   ‘Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta’ dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu

[2] Fol 10 wara

mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.'

8. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

   'Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.'

9. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

   '699.(1) Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.

   (2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati'

10. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

    'Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell.'

11. It-talba għas-subizzjoni tal-intimata saret mir-rikorrenti kemm fir-rikors promotur tagħha u kif ukoll fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2020.

12. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

    'il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra li ma jkunx aktar tard minn ħmistax-il jum mid-data tas-seduta … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal.'

13. Kif ingħad iżjed 'l fuq, wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimata fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2020, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tad-9 ta' Novembru 2020 sabiex l-intimata twieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

14. Meta fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2020 l-intimata naqset għal darb' oħra milli tidher sabiex twieġeb għad-domanda tar-rikorrenti hija effettivament ammettiet illi hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

15. Fil-kawża **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

    "*din ic-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut.*"

16. Pero kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **Noel Sultana v. Tony Xerri** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

    "*... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process*".

17. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **James Trapani v. Vincent Cilia** (28.04.2000) illi:

    *"ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti".*

18. Il-Qorti rat li fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2020, ir-rappreżentanta legali tar-rikorrenti ġiet awtorizzata tixhed għan-nom tal-istess rikorrenti u ddikjarat bil-ġurament tagħha illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti fil-kawża għadu dovut lilha sal-ġurnata tal-lum. Din il-prova flimkien mal-konfessjoni preżunta fuq imsemmija hija biżżejjed għal Qorti sabiex tqis li t-talba tar-rikorrenti hija ben fondata u jistħoqqilha tiġi akkolta.

**Deċiżjoni**

19. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti b’dan li:**
    1. **Tiddikjara li l-kumpanija intimata hija debitriċi tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta’ ħamest elef, sitt mija tlieta u erbgħin euro u sittin ċenteżmu (€5,643.60) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' fornitura ta' konkrit u mixers mibjugħa u kkonsenjati lilha fuq ordnijiet tagħha stess u Ii baqgħet ma tħallsitx;**
    2. **Tikkundanna lill-kumpanija intimata tħallas lill-kumpanija rikorrenti dan l-ammont flimkien mal-imgħax legali fuq tali ammont dekoribbli mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-effettiv pagament;**
    3. **Fir-rigward tal-ispejjeż <u>kif mitluba</u> dawn għandhom jkunu a karigu tal-kumpanija intimata.**

V.G. Axiak — M. Azzopardi

Maġistrat — Dep. Reġistratur